# ID-DELL TA' RUĦI

*Ta'* V.M. PELLEGRINI

Id-dell ta' ruħi
jaħrab lejn għabex ta' ħżuż,
lejn ċpar ta' kotba
u ta' kliem.

Id-dell ta' ruħi!

Wasalt fix-xifer
fejn jispiċċaw ix-xewqat
u ġ-ġelbin tad-dmugħ
jitbiddel f'alabastru
ta' spiritwalità.

Id-dell ta' ruħi!

Il-kobba mħabbla ta' l-uġigħ
titrażżan,
iżda jibqa' l-għaliex u l-ħtija
tax-xewqat ta' kuljum,
għad-daqqiet ta' għajn
u għall-bews ta' għatx l-imħabba.

Geġwiġija ta' kwiekeb
imdaħħna
iħawduli kull ħsieb u fantasija
li diġà nħosshom immermra.

Id-dell ta' ruħi!

Iżda dehra qarrieqa
tgħammixli għajnejja,
u l-kelma mħabba, mċajpra,
nilmaħ mriegħed.

Rużinjol ta' qalbi!
Rużinjol!
għad narga' nisimgħek tgħanni?